C/2024/6032

8.10.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11735 — CVC / FIDELIO / ODEVO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6032)

1. Fis-27 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

   Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

   — CVC Capital Partners plc ("CVC", Jersey),

   — Fidelio Capital ("Fidelio", l-Iżvezja),

   — Odevo MidCo AB ("Odevo", l-Iżvezja) ikkontrollata minn Fidelio.

   CVC u Fidelio jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Odevo.

   Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

   — CVC: hija maniġer ta' investiment alternattiv globali ffukat fuq l-ekwità privata, il-kreditu, is-sekondarji u l-infrastruttura.

   — Fidelio: l-investiment f'kumpaniji li qed jikbru primarjament fin-Nordiċi, fl-Ewropa u fl-Istati Uniti.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Odevo huma dawn li ġejjin: il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-proprjetà fil-Finlandja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

   Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

   Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

   M.11735 – CVC / FIDELIO / ODEVO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË